2024/846

31.5.2024

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/846

tal-14 ta' Marzu 2024

li temenda d-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE fir-rigward tal-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/22/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għall-impriżi bbażata fuq l-għadd u l-gravità relattivi ta' kwalunkwe ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li impriża individwali tkun wettqet.

(2) F'konformità mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2006/22/KE Lista inizjali ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 u l-valutazzjoni tal-gravità tagħhom hija stabbilita fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

(3) Bil-ħsieb li jiġi stabbilit jew aġġornat il-kejl tal-piż tas-serjetà tal-ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew (UE) Nru 165/2014, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15a tad-Direttiva 2006/22/KE biex temenda l-Anness III biex jitqiesu l-iżviluppi regolatorji u kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza fit-triq.

(4) Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) introduċa dispożizzjonijiet ġodda fir-rigward ta' ksur li jwassal għal riskji ta' korrimenti serji jew fatalitajiet jew distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport bit-triq. L-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi dan il-ksur ġdid.

(5) Il-kategorija għall-ksur l-aktar gravi jenħtieġ li tinkludi dawk li fihom in-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 joħloq riskju serju ta' mewt jew ta' korriment personali gravi,

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III mad-Direttiva 2006/22/KE huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-14 ta' Frar 2025. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

1. Gruppi ta' ksur tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 561/2006 (*) **(Ħin ta' sewqan u ta' mistrieħ)**

Nru	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		GRAD TA' SERJETÀ			
				KAS	KSĦ	KS	MI
A	**Ekwipaġġ**						
A1	Artikolu 5.1	Ma jitħarsux l-etajiet minimi tas-sewwieqa				X	
B	**Perjodi ta' sewqan**						
B1	Artikolu 6.1	Aktar minn 9 siegħat ta' sewqan kuljum meta mhux permessa l-possibbiltà tal-estensjoni għal limitu ta' 10 siegħat	9h < … < 10h				X
B2			10h ≤ … < 11h			X	
B3			11h ≤ …		X		
B4		Jinqabeż il-ħin ta' sewqan ta' 9 siegħat kuljum b'50 % jew aktar	13h30 ≤ …	X			
B5		Jinqabeż il-ħin estiż ta' sewqan kuljum ta' 10 siegħat jekk l-estensjoni hija permessa	10h < … < 11h				X
B6			11h ≤ … < 12h			X	
B7			12h ≤ …		X		
B8		Jinqabeż il-ħin ta' sewqan ta' 10 siegħat ta' sewqan kuljum b'50 % jew aktar	15h ≤ …	X			
B9	Artikolu 6.2	Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa	56h < … < 60h				X
B10			60h ≤ … < 65h			X	
B11			65h ≤ … < 70h		X		
B12		Jinqabeż il-ħin ta' sewqan permess fil-ġimgħa b'25 % jew aktar	70h ≤ …	X			
B13	Artikolu 6.3	Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimagħtejn konsekuttivi	90h < … < 100h				X
B14			100h ≤ … < 105h			X	
B15			105h ≤ … < 112h30		X		
B16		Jinqabeż il-ħin ta' sewqan massimu totali f'ġimagħtejn konsekuttivi b'25 % jew aktar	112h30 ≤ …	X			

C	Pawsi						
C1	Artikolu 7	Jinqabeż il-ħin ta' sewqan mhux interrott ta' 4,5 siegħat qabel il-pawsa	4h30 < … < 5h				X
C2			5h ≤ … < 6h			X	
C3			6h ≤ …		X		
D	**Perjodi ta' mistrieħ**						
D1	Artikolu 8.2	Perjodu insuffiċjenti ta' mistrieħ ta' inqas minn 11-il siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum	10h ≤ … < 11h				X
D2			8h30 ≤ … < 10h			X	
D3			… < 8h30		X		
D4		Perjodu mnaqqas insuffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 9 siegħat meta t-tnaqqis huwa permess	8h ≤ … < 9h				X
D5			7h ≤ … < 8h			X	
D6			… < 7h		X		
D7		Perjodu maqsum insuffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 3 siegħat + 9 siegħat	3h + [8h ≤ … < 9h]				X
D8			3h + [7h ≤ … < 8h]			X	
D9			3h + [… < 7h]		X		
D10	Artikolu 8.5	Perjodu insuffiċjenti ta' mistrieħ ta' kuljum ta' inqas minn 9 siegħat għal vettura b'aktar minn sewwieq wieħed	8h ≤ … < 9h				X
D11			7h ≤ … < 8h			X	
D12			… < 7h		X		
D13	Artikolu 8.6	Perjodu mnaqqas insuffiċjenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' inqas minn 24 siegħa	22h ≤ … < 24h				X
D14			20h ≤ … < 22h			X	
D15			… < 20h		X		
D16		Perjodu insuffiċjenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' inqas minn 45 siegħa meta mhux permess perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa	42h ≤ … < 45h				X
D17			36h ≤ … < 42h			X	
D18			… < 36h		X		
D19	Artikolu 8.6	Aktar minn 6 perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa	… < 3h				X
D20			3h ≤ … < 12h			X	
D21			12h ≤ …		X		
D22	Artikolu 8.6b	L-ebda kumpens għal żewġ perjodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ fil-ġimgħa			X		
D23	Artikolu 8.8	Perjodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew kwalunkwe perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħud f'vettura			X		

D24	Artikolu 8.8	L-impjegatur ma jkopri l-ebda spiża għall-akkomodazzjoni barra mill-vettura				X	
E	**Deroga mir-regola ta' 12-il jum**						
E1	Artikolu8.6a.	Aktar minn 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa wara perjodu preċedenti ta' serħan fil-ġimgħa	… < 3h				X
E2			3h ≤ … < 12h			X	
E3			12h ≤ …		X		
E4	Artikolu8.6a. (b)(ii)	Perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa meħud wara 12-il perjodu konsekuttiv ta' 24 siegħa	67h <…<69h				X
E5			65h < … ≤ 67h			X	
E6			… ≤ 65h		X		
E7	Artikolu8.6a. (d)	Perjodu ta' sewqan, bejn l-22.00 u s-6.00, ta' aktar minn tliet siegħat qabel il-pawsa, jekk il-vettura ma jkollhiex aktar minn sewwieq wieħed	3h < … < 4,5 h			X	
E8			4,5 h ≤ …		X		
F	**Organizzazzjoni tax-xogħol**						
F1	Artikolu 8.8 a	Impriża tat-trasport li ma tkunx qed torganizza x-xogħol tas-sewwieqa b'tali mod li s-sewwieqa jkunu jistgħu jirritornaw lejn iċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur, jew jirritornaw lejn il-post ta' residenza tas-sewwieqa			X		
F2	Artikolu. 10.1	Relazzjoni bejn il-paga/ħlas u d-distanza misjuqa, il-veloċità tat-twassil u/jew l-ammont ta' merkanzija trasportata			X		
F3	Artikolu. 10.2	L-ebda organizzazzjoni jew l-organizzazzjoni mhux xierqa tax-xogħol tal-kunduttur, l-ebda struzzjoni jew struzzjonijiet mhux xierqa mogħtija lill-kunduttur li jippermettulu li jikkonforma mal-liġi			X		

(*) (*) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14).

2. Gruppi ta' ksur tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ((*)) (Takografu)

Nru	BAŻI ĠURIDIKA	TIPI TA' KSUR	GRAD TA' SERJETÀ		
			KAS	KSĦ	KS
G	**L-installazzjoni ta' takografu**				
G1	Artikolu 3(1), (4), (4a) u Artikolu 22	Li ma jkollux takografu ta' tip approvat installat u użat	X		
H	**Użu tat-takografu, tal-karta tas-sewwieq jew tal-folja ta' reġistrazzjoni**				
H1.	Artikolu 23(1)	L-użu ta' takografu mhux spezzjonat minn workshop approvat		X	
H2.	Artikolu 27	Is-sewwieq għandu fil-pussess tiegħu u/jew juża aktar minn karta tas-sewwieq waħda li hija tiegħu		X	
H3		Sewqan b'karta tas-sewwieq falsifikata (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tas-sewwieq*)	X		
H4.		Sewqan b'karta tas-sewwieq li tagħha s-sewwieq mhuwiex id-detentur (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tas-sewwieq*)	X		
H5.		Sewqan b'karta tas-sewwieq li ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew ta' dokumenti ffalsifikati (*meqjus bħala sewqan mingħajr karta tas-sewwieq*)	X		

H6	Artikolu 32(1)	It-takografu ma jaħdimx sew *(eż.: it-takografu ma ġiex spezzjonat, ikkalibrat u ssiġillat b'mod tajjeb)*		X	
H7	Artikolu 32(1) u Artikolu 33(1)	It-takografu ma ntużax kif suppost *(eż.: l-użu ħażin b'mod intenzjonat, volontarju jew impost, nuqqas ta' struzzjonijiet dwar l-użu korrett, eċċ.)*		X	
H8.	Artikolu 32(3)	Il-pussess fil-vettura u/jew l-użu ta' apparat frodulenti li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-takografu	X		
H9		Falsifikazzjoni, ħabi, suppressjoni jew qerda tad-*data* rreġistrata fuq il-folji tar-reġistrazzjoni jew tad-*data* maħżuna u ddawnlowdjata mit-takografu u/jew mill-karta tas-sewwieq	X		
H10	Artikolu 33(2)	L-impriża ma żżommx folji tar-reġistrazzjoni, karti stampati u *data* ddawnlowdjata		X	
H11		Id-*data* rreġistrata jew maħżuna mhix disponibbli għal mill-inqas sena		X	
H12	Artikolu 34(1)	Użu ħażin tal-folji ta' reġistrazzjoni/il-karta tas-sewwieq		X	
H13		Irtirar mhux awtorizzat tal-folji ta' reġistrazzjoni jew tal-karta tas-sewwieq li jħalli impatt fuq ir-reġistrazzjoni tad-*data* rilevanti		X	
H14		Tintuża folja tar-reġistrazzjoni jew karta tas-sewwieq biex tkopri perjodu itwal minn dak li hija intenzjonata għalih u tintilef xi *data*		X	
H15.	Artikolu 34(2)	Jintużaw folji tar-reġistrazzjoni jew karti tas-sewwieqa maħmuġin jew bil-ħsara u d-*data* mhijiex leġġibbli		X	
H16	Artikolu 34(3)	Ma jsirx input manwali meta dan ikun meħtieġ		X	
H17.	Artikolu 34(4)	Ma tintużax il-folja korretta jew il-karta tas-sewwieq tkun fi slott ħażin (aktar minn sewwieq wieħed)			X
H18	Artikolu 34(5)	Il-mekkaniżmu ta' kommutazzjoni jintuża ħażin		X	
I	**Produzzjoni tal-informazzjoni**				
I1.	Artikolu 34(5), il-punt (b)(v)	Użu ħażin jew nuqqas ta' użu tas-sinjal tal-lanċa/tal-ferrovija			X
I2	Artikolu 34(6)	Informazzjoni meħtieġa mhux imdaħħla fil-folja ta' reġistrazzjoni		X	
I3.	Artikolu 34(7)	Rekords ma jurux is-simboli tal-pajjiżi li l-fruntieri tagħhom ikunu nqasmu mis-sewwieq matul il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum			X
I4	Artikolu 34(7)	Rekords ma jurux is-simboli tal-pajjiżi fejn beda u ntemm il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum tas-sewwieq			X
I5.	Artikolu 36	Rifjut li ssir verifika		X	
I6	Artikolu 36	Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul it-28 jum preċedenti (sat-30 ta' Diċembru 2024) Preżentazzjoni mhux possibbli tar-reġistrazzjonijiet manwali u tal-karti stampati li saru matul dik il-ġurnata u matul is-56 jum preċedenti (sal-31 ta' Diċembru 2024)		X	
I7	Artikolu 36	Preżentazzjoni mhux possibbli tal-karta tas-sewwieq, meta s-sewwieq ikollu waħda		X	
J	**Funzjonament ħażin**				
J1.	Artikolu 37(1) u Artikolu 22(1)	Takografu mhux imsewwi minn installatur jew minn workshop pprovat		X	
J2	Artikolu 37(2)	Is-sewwieq ma jniżżilx l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dawk il-perjodi ta' ħin li matulhom ma sarux reġistrazzjonijiet meta t-takografu ma jkunx jista' jissewwa jew ikun qed jaħdem ħażin		X	

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1)."